**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 05**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar il-Ħamis 12 ta' Settembru 2024, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Ralph Puli
Dr Josef Masini Vento
Xandru Mallia
Jurgen Abela
Fiona Borg Lewis
Marvin Zammit
Elke Cassar Sghendo
Alessio Decarlo

**ASSENTI B'APOLOGIJA**

Nicholai Falzon
Daniel Ablett
Doris Zammit

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## 05.1 TALBA

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

## 05.2 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija

Is-Sindku qara ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Nicholai Falzon, Daniel Ablett u Doris Zammit.

## 05.3 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 04

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 04, kif ukoll il-Minuti tal-laqgħat:

- mas-Supretendent Antoine Cilia
- mas-Sur Jean Claude Attard minn Transport Malta
- mas-Sur Raymond Borg mill-LESA
- mal-President tar-Regjun
- mal-kumpanija Karkanja Ltd

li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

### 05.3.1 Emendi għal-Minuti

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** talbet sabiex issir emenda fir-riżoluzzjoni Nru 02/2024, fejn għandha tinqara kif ġej:

**Riżoluzzjoni Nru 02/2024 (IX)**

**SPI/SCI/04/2024 - FOND TA' MANUTENZJONI U SOSTENN TA' PROĠETTI INFRASTRUTTURALI MAĠĠURI LI ĠEW IMWETTQA MILL-GVERN ĊENTRALI**

B'referenza għal-iskema ***SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali*** il-Kunsill Lokali Ħal Qormi qiegħed hawn jaqbel li se tiġi sottomessa talba sabiex isir it-tindif u tingħata art bil-konkos fil-Qormi Sports Complex fi Triq Mdina

kantuniera ma Triq Manwel Dimech, eżatt wara il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra.

Għaldaqstant il-Kunsill qiegħed japprova in-nefqa ta' ċirca €40,000, li minnha qed jintalbu €35,000 mill-Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona l-approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni Nru 02/2024 (IX) kif emendata

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** ssekonda.

Ivvutaw favur id-disa' (9) kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Riżoluzzjoni Nru 02/2024 (IX) ġiet approvata kif emendata.

## 05.4 Eżitu tal-Laqgħa mal-uffiċjal Reġjonali tal-Infurzar

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li il-laqgħa mas-Sur Raymond Borg, l-uffiċjal Reġjonali tal-Infurzar kienet laqgħa mqanqla. Waqt din il-laqgħa is-Sur Borg semma li hu irid tabelli sabiex ikun jista' jibgħat lill-uffiċċjali jħarrku. Is-Sindku semma li b'dan ir-raġunament ma nistgħux ndawru Ħal Qormi kollu bit-tabelli.

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** semma li waqt il-laqgħa mas-Sur Borg issemmew it-tabelli tal-Wied, liema tabelli kienu għadhom ordnati. Il-Viċi Sindku semma li ġo wied suppost ħadd ma jista' jipparkja, għax hija illegali. Allura ma hemmx għalfejn tabelli ladarba ġo wied ħadd ma jista' jipparkja. Is-Sur Mallia semma li meta tkellem ma Transport Malta fuq dan is-suġġett, ukoll talbuh li isiru tabelli u għalhekk li minkejja li għadhom mhux imwaħħla, it-tabelli jinsabu ordnati.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li għandha tinkiteb korrispondenza lill Uffiċċjali inkarigati mill-LESA li l-uffiċċjali tal-infurzar tagħhom iridu jimxu ma li tgħid il-liġi mhux mal-ordnijiet li jingħataw min fuq.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** semmiet li jekk hemm xi ħaga fil-ligi, bħal ma huma double yellow lines, ma hemmx għalfejn tabelli u l-uffiċjali ikunu jistgħu iħarrku.

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** semma li filgħodu stess tħarrku vetturi fi Triq Pawlu Farrugia li kienu qed jimblokkaw il-bankina.

## 05.5 PC Application – Karkanja Ltd

Il-membri tal-Kunsill iltaqgħu fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi nhar il-Ħamis 29 ta' Awwissu mar-rappreżentanti ta' Karkanja Ltd u is-sidien tal-art fi Triq il-Belt Valletta (bejn Triq l-Erba Qaddisin u Triq Fonzu Meli), sabiex jisimgħu mingħandhom il-pożizzjoni tal-Kumpanija dwar is-Suġġett: PC 57/22

**Punti li ħarġu min din il-laqgħa huma:**

- Saret applikazzjoni għal bidla tal-art minn mixed used għal partial residential
- Fil-Local Plan tal-2006, l-art imsemmija ġiet dikjarata bħala warehousing and commercial use.
- Fil-Local Plan tal-2008, l-art biswit ġiet dikjarata bħala partial residential u fil-fatt nbniet blokka li illum qeda tmiss mal-art imsemmija.
- Il-pjan ta' dan il-proġett huwa li id-djar residenzjali iżommuhom mal-ħitan ta' appartamenti diġà mibnija (lejn Triq Fonzu Meli), fuq wara tal-art isiru djar residenzjali ukoll u man naħa taz-zona industrijali japplikaw għall-uffiċini.
- Ser isir dħul min Triq il-Belt Valletta permezz ta' triq fuq ġewwa tal-art imsemmija.
- L-appartamenti kollha se jkollhom garaxx allokat għalihom.
- In-naħa tal-uffiċini se jkun hemm parkeġġ privat
- L-area fiha madwar 3000 metru kwadru
- Huwa previst li jinbena bejn 80 u 90 appartament.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** semmiet li il-Karkanja Ltd applikaw biex tinbidel iż-żona, min Żona Industrijali għal wahda Partial Residential. Hi personali taqbel li tnaqqas l-industrija u żżid iż-żona residenzjali. Semmiet li il-Kunsill irid jistaqsi jekk minħabba il-problema ta' parking li hemm f'dik l-area, l-iżviluppatur ta' dan il-proġett hux qed jaħseb sabiex jipprovdi żewġ sulari extra sabiex jintużaw bħala parkeġġ pubbliku miftuħ b'xejn għal kulħadd.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa jekk tintalab u tiġi aċċettata din it-talba ta' sulari għall-parkeġġ, se nkunu awtomatikament qed nbiddlu ic-change of use għal żona parzjalment residenzjali? Is-Sur Zammit ġibed l-attenzjoni li jekk ser tiġi aċċettata li tinbidel iż-żona bħala kompromess mal-Kunsill biex iwaqqa l-oġġezzjoni tal-Kunsill preċedenti, se tnaqqas is-saħħa tal-kelma tal-Kunsill.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** qabel mas-Sur Zammit u staqsa jekk il-Kunsill hux se jaċċetta bidla fiż-żona għal din l-area biss jew se jaċċetta it-talbiet kollha sabiex jinbidlu iż-żoni l-oħra madwar Ħal Qormi.

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** semma li dan jista' jagħmillek l-ewwel sitt xhur jimxi ma dan il-ftehim u wara jagħlaq il-parkeġġ.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet li għandu isir kuntratt u ikun marbut kollox mal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** semma li waħda mill-oġġezzjonijiet li kien hemm mill-Kunsill preċedenti kienet illi jekk se jmorru aktar nies hemmhekk ser titfa iż-żona għal noise u air pollution.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li fil-laqgħa, l-iżviluppatur semma li se jiftaħ triq minn wara. Is-Sindku qal li mar fuq il-post flimkien mad-Deputat Segretarju Ezekuttiv u ra b'għajnejh li jekk se tinfetaħ triq din se tiġi eżatt ġol-wied u se toħloq aktar traffiku biex joħroġ għar-roundabout ta' fejn l-Triq l-Erba' Qaddisin.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet li għandu jintalab traffic management plan.

Il-membri qablu li tintbagħat korrispondenza lill-iżviluppatur fejn fiha jiġi infurmat bil-proposti mill-Kunsill u nistaqsuh jekk hux miftuħ għal dawn l-idejat.

### 05.6 Komunikazzjoni tas-Sindku

### 05.6.1 Libreriji - Renewal of Co-operation Agreement

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li rċieva korrispondenza u kopja tal-ftehim sabiex jiġi mġedded il-ftehim ta' koperazzjoni mad-Dipartiment tal-Libreriji għal Librerija Reġjonali u għal Qormi Branch Library.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li il-Librerija Reġjonali tiffunzjona u għaddejja, iżda il-Qormi Branch Library għadhom għaddejjin ix-xogħlijiet fuqha.

Il-membri kollha qablu li isir l-iffirmar tal-ftehim.

**05.6.2 Sejħa biex timtela l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv**
***Deċiżjoni tal-board - Posposta mis-Seduta Nru 02***

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li kif miftiehem fis-seduta li għaddiet, il-bord tal-għażla ta' nies indipendenti sabiex iservu fil-bord tal-għażla biex jimtela il-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv ser ikun magħmul minn membri indipendenti wara li jiġi kommunikat u aċċettata mill-membri tal-Kunsill.

**05.6.3 Perit William Lewis risposta ghad-Default Notice – deċiżjoni posposta minn Seduta Nru 02**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi rċieva risposta għal-komunikat li intbagħat lil Perit William Lewis b'referenza għad-default notice maħruġa f'Ottubru 2023. Liema komunikat ġie mibgħut lil Kunsilliera permezz ta' verżjoni elettronika.

Is-Sindku nforma li minħabba li issa l-affarijiet qed jiċċaqalqu din id-default notice għalissa se tiġi sospiża.

**05.6.4 Ħaddiema tal-Kunsill**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li minħabba li il-Kunsill mhux jirnexxielu iġib persuni oħra mill-Community Workers Scheme u minħabba li il-Kunsill għandu bżonn xufier sabiex ikollna xufier ieħor li ikun jista' iwassal lil persuni anzjani għall-qadjiet importanti madwar ir-raħal, ghandha tintalab sejha lill Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi ikun jista' jimpjega persuna oħra fuq skala 18.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** semmiet li jekk se tinħareġ call tista tkun għal xufier u persuna li tagħmel xogħol żgħir ta' manutenzjoni.

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** qal li tajjeb li kieku din l-istess persuna tagħmel xogħol ta' żebgħa fit-toroq, fil-ħinijiet li ma tkunx qed tagħmel ix-xogħol ta' xufier.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv tiċċekkja jekk xufier jaqax taħt skala 18 General Hand.

Il-Kunsilliera kollha preżenti qablu li il-kunsill jibda il-proċess mal-HR tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali u mal-Jobplus.

## 05.6.5 Josef Cilia

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li jista hemm pagamenti dovuti lis-Sur Josef Cilia għadhom pendenti.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** infurmat lis-Sindku li hi kellha struzzjonijiet mil-ex Segretarju Ezekuttiv li ma jinħargux aktar pagamenti lis-Sur Cilia għaliex is-Sur Cilia ma ppreżentax rapporti tax-xogħlijiet.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** staqsiet lill-Kunsillier Marvin Zammit u lil Kunsillier Ralph Puli dwar id-diskussjonijiet li saru rigward is-Sur Cilia fil-leġislatura li għaddiet.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li jekk se jingħata b'lura, is-Sur Cilia għandu jingħata ħlas skont il-kuntratt, massimu sal-aħħar tal-leġislatura li għaddiet.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa jekk is-Sur Cilia qadtx ippreżenta rapporti li kien intalab jippreżenta u id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li tali rapporti qatt ma waslu, la qatt rathom fi żmien li ma kienx hemm hi u lanqas fi żmien kemm ilha hemm hi. Mill-verifika li saru kien instab li fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2024 kien għadda biss lil Kunsill erba' ilmenti uffiċċjali.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** qal li il-ħlasijiet lis-Sur Cilia l-ewwel jiġu diskussi internament qabel tali pagamenti jingħataw.

## 05.6.6 Social Media

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li kellu il-ħsieb li iqabbad lil xi ħadd sabiex jagħmel videos u PR għal-Kunsill.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** qal li qabel ma jiġu il-fondi li il-kunsill qed jitlob mill-Planning Fund, il-Kunsill ma għandu jikkometti ruħu ma ħadd.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** qal li il-kunsill jista' jitlob kwotazzjonijiet għal tali xogħlijiet u il-Kunsill jiddeċiedi aktar il-quddiem fuq tali servizzi.

**05.6.7 Bankina ġdida fi Triq Mifsud Ellul**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill rċieva mingħand il-Perit tal-Kunsill il-pjanti għal-bankina gdida fi Triq Mifsud Ellul.

Il-Perit tal-Kunsill ħejja zewg pjanti, waħda b'wiesgħa ta' 0.83m li hija l-istess daqs tal-bankina li saret mingħajr permess, iżda ma hiex konformi mar-rekwiżiti tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'diżabilità; kif ukoll pjanta oħra ta' bankina b'wiesgħa ta' 1.2m, liema bankina hija aktar wiesgħa min dik li saret mingħajr permess, però din konformi mar-rekwiżiti tal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'diżabilità.

Iż-żewg bankini proposti ma jħallux lok għal ipparkjar tal-vetturi f'din it-triq.

Saret diskussjoni bejn il-membri u il-Kunsill ma qabilx li issir bankina u issuġġerixxa li issir kurduna mal-ħajt biex ma jħokkux vetturi mal-ħitan.

**05.6.8 SPI/SCI/7/2024- Espressjoni ta' Interess - Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubbliċi**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill rċieva Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni minuri f'binjiet pubbliċi.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** ipproponiet li il-Kunsill jitlob sabiex issir manutenzjoni fuq il-mafkar tal-Vittmi tan-Nar li jinsab fi Triq il-Ġebbieda.

Il-Kunsill qabel unanimament.

**05.6.9 Supermarket Lidl fi Triq Mdina**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma lil membri li hu ivvota kontra l-approvazzjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex isir supermarket fil-binja tal-ex fabbrika tal-Coca Cola fi Triq Mdina.

Is-Sindku qal li ir-rapporti preżentati tat-traffic management ma kienux jaqblu. Semma li kien se jintefa ammont kbir ta' vetturi fuq Triq il-Vitorja.

Is-Sindku semma li bil-liġi supermarket suppost ikun 1500 metru kwadru, mentri l-imsemmija binja hija ta' 1250 metru kwadru. Hemm nuqqas ta' 250 metru kwadru.

Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis talbet sabiex meta isir dan il-proġett, il-ħruġ mis-Supermarket għal Triq il-Vitorja isir fid-direzzjoni il-fuq biss, lejn Triq Mdina sabiex jitnaqqas l-impatt tat-traffiku ġol-qalba ta' Ħal Qormi.

Il-Kunsilliera preżenti qablu mad-deċiżjoni tas-Sindku li ivvota kontra.

**05.7 Ħwejjeġ Oħra**

**05.7.1 Ħaddiema tal-Community Workers Scheme mal-Kunsilli Lokali**

**Il-Kunsillier Ralph Puli** talab sabiex il-Kunsill jitlob uffiċċjalment lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali sabiex bil-miktub il-Kunsill jingħata informazzjoni kemm hemm ħaddiema tal-iskemi ma' kull kunsill lokali f'Malta u Għawdex.

**05.7.2 No Entry Triq l-Isqof Scicluna fil-ħinijiet tal-iskola**

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** ressqet korrispondenza minn Transport Malta fuq it-talba għal no entry signs fil-ħinijiet tal-iskola. Transport Malta staqsew minn fejn se jgħaddu il-karozzi tal-linja u coaches li ikunu iridu jagħtu servizz fir-raħal.

Il-membri qablu li jiżdiedu tabelli Except for Buses sabiex coaches u karozzi tat-Transport pubbliku ikunu jistgħu jitilgħu kontra is-sinjali tat-traffiku, biex jerġgħu jisbokkaw fi Triq l-Isqof Scicluna.

### 05.7.3 Xogħlijiet tal-Enemalta fi Triq l-Isqof Scicluna

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li Malta Public Transport ħarġet rotta ġdida temporanja sakemm isiru ix-xogħlijiet tal-Enemalta fi Triq l-Isqof Scicluna.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** qalet li hi tinsab dolużа għaliex fost il-membri hemm min suppost huwa responsabbli fuq it-traffiku, u minflok spiċċat li hi tmur fuq il-post tara kif qed isiru l-affarijiet. Saħqet li il-membri għandhom ikunu aktar attivi. Semmiet li l-istess kien gara fuq il-kwistjoni tax-xogħlijiet fi Triq Hal Luqa, fejn tliet membri biss iltaqgħu mal-periti u marru fuq il-post iħabbtu il-bibien waqt ix-xogħlijiet.

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** qal li hu qed ikollu jitlaq min fuq ix-xogħol biex imur fuq il-post fejn ikun hemm dawn il-problemi biex ifiehem lil uffiċjali ta' Transport Malta fejn joqgħodu.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li hu faċli li wieħed jidħol fuq il-media soċjali jitfa il-kummenti, iżda il-Kunsill irid ikun wieħed pro-attiv.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** semma li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi għandu jaħseb biex jagħmel bye-law biex meta kuntratturi jiġu jagħmlu permess għal xogħlijiet Ħal Qormi, u dawn ma jagħmlux ix-xogħol kif suppost dawn għandhom jeħlu multa.

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** infurmat lil Kunsillier Puli li il-kuntrattur ikollu garanzija u insurance ma' Transport Malta. Transport Malta għandhom uffiċjali tal-infurzar tagħhom li jibgħatuhom fuq il-post waqt ix-xogħlijiet fit-toroq u fejn isibu difetti li jagħmlu kuntratturi inkluż li ma jagħmlux ilqugħ kif suppost, il-kuntratturi jiġu immultati.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li l-aktar propoganda irħisha hija li wieħed jidħol jilmenta fuq il-media soċjali. Ħażin jagħmel li wieħed jidħol jilmenta u jinqeda b'min qiegħed fil-Kunsill.

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** qal li dak li jinkiteb fuq il-media, ikun tajjeb jew ħażin se jihder sabiħ jew ikrah il-kunsill kollu.

**Il-Kunsillier Alessio Decarlo** semma li hu kellem lil Pulizija u lil Transport Malta. Hu qal li ma kienx infurmat meta dawn il-kunsilliera marru fuq ix-xogħlijiet ta' Triq Hal Luqa. Semma li mhux kulħadd jista' jitlaq min fuq ix-xogħol.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** faħħar lil Kunsilliera li jieħdu inizjattiva iżda qal li l-awtoritajiet iridu jibgħatu nota lir-residenti bid-dettalji tax-xogħlijiet u ir-residenti jiġu avżata biex ma jipparkjawx, speċjalment jekk wieħed ikun ippjana

li isiefer. Semma li jekk hemm bżonn li niktbu bl-avukat u żommu dawn l-entitatjiet

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** ikkumenta li hu responsabbli mit-Transport Pubbliku u lilu ħadd ma infurmah b'xejn bid-deċiżjoni tar-rotta tal-Transport Pubbliku. Huwa semma li il-Kunsill ma jistax jagħmel pjan la ma hux qed ikun infurmat qabel.

**05.7.4 Ġnien fuq il-Wied minn Project Green**

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** informa lil membri li jumejn ilhu flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv u mal-impjegat tal-kunsill Simon Mifsud iltqajna mal-Perit ta' Project Green sabiex nitolbu li isir taraġ li jagħti aċċess għal ġol-wied, għaliex kif qiegħed bħalissa il-wied jinsab mingħajr aċċess u jista' ikun hemm problemi jekk jinqala xi inċident. Bħalissa il-kuntrattur qed jirrifjuta li jinżel inaddaf għaliex il-ħaddiema ma jgħaddux min taħt pond baxx.

Din it-talba ntbagħtet ukoll formalment biex Project Green jressqu it-talba formali lil Wasteserv.

**05.7.5 Negative Financial Situation**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** tkellmet dwar il-laqgħa li saret filgħodu stess mad-Dipartiment tal-Gvern dwar in-Negative Financial Situation li jinsab fiha il-Kunsill Lokali Ħal Qormi.

Is-Sinjura Borg Lewis semmiet li waqt il-laqgħa ħareġ li huwa inkwetanti li il-Kunsill Lokali għandu problema ta' cash flow. Ir-rappreżentanti tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali tawna suġġerimenti u lista ta' affarijiet li irridu nagħmlu biex inġibu dawk il-fondi dovuti lilna.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** semma li iż-żewg sorsi prinċipali li il-Kunsill għandu jiġbor il-flus mingħandhom huma l-Urban Improvement Fund u il-GAL Xlokk.

**05.7.6 Programm CERV**

**Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv** infurmat lil membri li kif kien ġie maqbul fil-leġislatura ta' qabel, il-Kunsill Lokali Ħal Qormi daħħal applikazzjoni sabiex jekk tiġi aċċettata ikun hemm Town Twinning ma Gravina di Puglia fl-Italja. Il-Kunsill Lokali mhux se joħroġ fondi għal dan il-proġett.

**05.7.7 Multi li inħarrġu mill-LESA**

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** nforma lil membri li hu talab lil LESA biex kull l-aħħar tax-xahar jagħtuh il-lista ta' multi li ikunu ħarġu matul ix-xahar.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li meta talabhom hu lill-LESA qatt ma aċċettaw li jagħtuhom.

***8.15pm - Il-Kunsilliera Ralph Puli u Fiona Borg Lewis** talbu li ikunu skużati minħabba li kellhom impenji oħra.*

**05.7.8 Plot Vojt Triq il-Kanun viċin numru 80**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li fi Triq il-Kanun hemm plot li qed isservi biex jitfgħu iż-żibel fiha. Semma li għalkemm hija privata hemm bżonn li isir xi ħaġa minħabba li qeda ta' inkonvenjent għar-residenti.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tas-Sindku li la il-plot hija privata la jista' jitla ħajt għola u lanqas titnaddaf mill-kunsill.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li jintbagħat rapport formali lis-Sanita u lil Pulizija.

**05.7.9 Plot Vojt Triq tal-Bajjada fil-kantuniera ma Triq l-Aħwa Zammit**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi ilhu jirċievi ilmenti fuq plot vojt li hemm fi Triq tal-Bajjada fil-kantuniera ma Triq l-Aħwa Zammit. Skont ir-residenti din il-plot hija jew kienet propjetà tal-Knisja.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li niċċekkjaw mal-Lands hiex art privata jew le. Jekk ma tkunx art privata, il-Kunsill jitlob stima sabiex titnaddaf u jitpoġġa xi żrar biex tibda isservi ta' parkeġġ għar-residenti tal-madwar.

05.7.10 **Sewqan eċċessiv fi Pjazza Narbona**

Il-Viċi Sindku Xandru Mallia semma li qed ikun hemm abbuż minn vetturi li isuqu sewqan eċċessiv fi Pjazza Narbona, inkluż jagħmlu drifting fil-parkeġġ. Huwa semma li ċempel dirett lil Pulizija u bagħat anke email lis-Supretendent. Is-Sur Mallia nforma ukoll li anke ċempel lil Ministru biex jinfurmah b'dan l-abbuż u li il-Pulizija ma jridu jagħmlu xejn

Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo semmiet li hi ċċempel u tirraporta dirett lil Pulizija abbużi simili. Każ li iltaqet miegħu hu fejn persuna kien qed isuq b'sewqan eċċessiv fid-direzzjoni kontra tagħha, ipparkjat fil-ġenb u ċemplet lil Pulizija, u il-Pulizija ma bediex jipprova jifhem il-każ. Indikatlu li hemm anke CCTV cameras fil-madwar fejn jixhdu dan iżda il-Pulizija qalilha li ma jistgħux jieħdu speed min fuq CCTV cameras.

Il-Kunsillier Jurgen Abela staqsa x'sar mill-emails bl-ilmenti li ntbagħtu lis-Supretendent.

05.7.11 **Il-Kunsillier Doris Zammit bagħtet tinforma li:**

**Laqgħat u attivitajiet li se jsiru fil-futur immedjat**

**24 ta' Settembru:** Laqgħa annwali fis-sede tal-Għaqda San Ġorġ Martri.
**26 ta' Settembru:** Laqgħa għal dawk li jkunu applikaw għal-lezzjonijiet. Eżerċizzji/għawm
**28 ta' Settembru:** Pasta night fil-ġnien Vjal de La Cruz ( f'każ ta' maltemp ssir fiċ-ċentru tal-Knisja fi TriqSan Bartilmew)
**11 ta' Ottubru:**Nofstanhar Kemmuna
**3 ta' Ottubru:** nibdew bl-ewwel lezzjonijiet

Hawn taħt għandkom issibu skeda ta' dawn il-lezzjonijiet/laqgħat
**KLASSIJIET U LAQGĦAT VARJI MAL-KUNSILL LOKALI TA' ĦAL QORMI**
Kull nhar ta' Ħamis mit-3 ta' Ottubru sad-19 ta' Diċembru 2024 bejn 10.00am u 12.00pm
Ikollna diversi lezzjonijiet ta' tisjir u tiżjin tal-Milied, klassijiet tal-eżerċizzji u għawm, laqgħat ma' esperti varji, fosthom nutar, tabib, bankier, soċjologu, u ħafna oħrajn.

**Skeda tal-klassijiet u laqgħat (proviżorji u kollox jista' jinbidel skont l-esiġenzi tal-persuni li jkunu se jiġu mistiedna għal-laqgħat )**
3 ta' Ottubru: Tisjir u tiżjin tal-Milied
10 ta' Ottubru: Niltaqgħu ma'....

| | |
|---|---|
| 17 ta' Ottubru: | Tisjir u tiżjin tal-Milied |
| 24 ta' Ottubru: | Eżerċizzji/Għawm |
| 31 ta' Ottubru: | Niltaqgħu ma'.... |
| 7 ta' Novembru: | Tisjir u tiżjin tal-Milied |
| 14 ta' Novembru: | Eżerċizzji/Għawm |
| 21 ta' Novembru: | Niltaqgħu ma'... |
| 28 ta' Novembru: | Tisjir u tiżjin tal-Milied |
| 5 ta' Diċembru: | Eżerċizzji /Għawm |
| 12 ta' Diċembru: | Niltaqgħu ma'.... |
| 19 ta' Diċembru: | Tisjir u tiżjin tal-Milied |

**F'Ottubru/Novembru**
**(jien qed nissuġġerixxi f'San Martin fil-11 ta' Novembru):**

**Ġurnata folklorista Qormija**

- It-tajra ( nġibu persuna li turi t-tfal kif jagħmlu t-tajra)
- Logħob tat-tfal antik... żibeġ, boċċi, ħabel, passju, u anke dawk li jkantaw.... bom bom il-bieb, iż-żunżana ddur ddur....
- Xi stands tal-ikel (eż, tal-ħelu, qagħaq tal-għasel, u oħrajn, tal-bigilla, u ftajjar biż-żejt, qastan, imbuljuta....) Hawnhekk nistgħu ngħidu lill-għaqdiet jgħinuna, jtellgħu stand b'wieħed minn dawn l-ikel u xorb u l-qliegħ imur għalihom)
  Mistieden kulħadd u kulħadd jista' jieħu sehem it-tfal biex ikunu jafu drawwiet missirijietna, ħalli ma jintesewx u l-kbar jafu jieħdu sehem huma wkoll biex jiftakkru fi tfulithom.
- Din nistgħu nagħmluha jew fi ġnien Armier, jew xi mkien ieħor forsi n-naħa ta' San Ġorġ xi ġnien ieħor spazjuż biex kemm nistgħu la nneħħu parking u lanqas inwaqqfu traffiku.
- Ottubru Roża/Movember Jien naħseb waħda mill-ġranet tal-laqgħat filgħodu tkun tajba biex nagħmlu din il-laqgħa.(31 ta' Ottubru per eżempju jew 7 ta' Novembru) Nixtieq nisma' mingħandkom b'mod speċjali Elke u Fiona l-ideat u s-suġġeriment tagħkom. Li ktibt hawn mhux ben fatt, anzi nieħu pjaċir naħdmu flimkien.

- **Nota Bene**

  Xtaqt nistaqsi lil Marilyn u S-sindku, liema huma dawk l-attivitajiet li għandna tal-Kunsill matul is-sena u rridu nonorawhom biex ma nagħmlux laqgħat li jaħbtu magħhom.

  Għalhekk ridt li jkollna Year planner biex nimmarkawhom u ma ninsew xejn, imma lil dak li kellimt dwar din il-planner (attention Elke ) qatt ma kellimni lura.

- **Id-Dielja**

  Sadanittant ħriġna avviż fuq facebook page u Residenti Qriema, fejn tlabnihom jgħidulna liema toroq ma rċevewx id-Dielja, Kien hemm bosta residenzi li ma rċevewx id-Dielja. Jien tkellimt mal-publisher Jason tal-Ability Publications, biex nara nistgħux ikollna aktar kopji u nqasmuhom lil dawk li ma rċevewx imma qalli li d-Dielja pprintjata ħarġet kollha u għal din id-darba mhemm xejn. U għandu jżid l-ammont b'xi mija li ma nafx kemm hu biżżejjed.

  Tiftakru tkonna tkellimna biex it-tqassim nippruvaw nitkellmu mal-għaqdiet u naraw jgħinux huma. Jason qalli li fil-fatt hemm żewġ irħula oħra li hekk jaħdmu bil-membri tal-għaqdiet.

  Ħassejt li din hija kwistjoni fejn l-aħjar għal-laqgħa li jmiss tal-kunsill f'Ottubru, ( ma nagħmluhiex tard) nistiednu lir-rappreżentanti tal-għaqdiet biex inkellmuhom fuq din tat-tqassim u fuq l-attività ta' San Martin.

  Ma nafx taqblux li nibgħatu għal Jason ukoll biex jgħidilna eżatt x'inhu jiġri.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** irringrazzja lill-Kunsillier Doris Zammit li minkejja li hija indisposta xorta ħadet l-indrigu u tibqa għaddejja bil-pjanijiet tal-attivitajiet.

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** ġibdet l-attenzjoni li l-affarijiet imsemmija għal San Martin għandhom issir fl-attività ta' 8 ta' Dicembru Mill-Ġulbiena sal-Milied, minħabba li jinvolvu ammont ta' pjanar u finanzi.

05.7.12 **Id-Dielja**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma li bl-ispejjeż li qed tiswa lil-Kunsill, €12000 fis-sena il-magazin id-Dielja biex tinħareġ tliet darbiet fis-sena, jista jigi impjegat u jitħallas xufier.

Il-kunsilliera iddiskutew dan is-suġġett, fejn ġie diskuss li mhux qed tasal għand kulħadd u lanqas nġiebu kopji tagħha il-Kunsill.

Il-membri qablu li id-Dielja tibda issir bil-mezzi li għandna fl-uffiċċju, u titla online fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill u jekk ikun hemm min jixtieq kopja tagħha tiġi printed bil-printer tal-Kunsill.

Il-membri għalhekk qablu li jissospendu din id-diskussjoni u titla għad-diskussjoni fis-seduta li imiss meta tkun hemm preżenti il-Kunsillier Doris Zammit.

05.7.13 **Pelican Lights Quddiem Dar Bjorn**

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** staqsa jekk il-Kunsill jistax japplika sabiex isiru Pelican Lights fuq iż-żebra crossing eżistenti quddiem Dar Bjorn fi Triq il-Kbira, Ħal Qormi minhabba li kellu diversi talbiet mir-residenti Qriema u residenti f'Dar Bjorn.

Il-membri kollha preżenti qablu ma din it-talba.

## 05.8 MOZZJONI NRU 03/2024 (IX)

**Mozzjoni għal Sotto Kumitati għal iktar trasperezza u akkontabilta'**

**Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier Elke Cassar Sghendo**

L-għan li qiegħda nressaq din il-mozzjoni hu sabiex ikun hemm trasparenza u akkontabilta' u parteċipazzjoni mill-pubbliku. Dan se jkun jgħin għal trasparenza, u akkontabilta' fejn jiġi applikat il-four eye principle. Dan jitlob li jkun hemm minimu ta' żewġ persuni sabiex jaġixxu bħala kontrolluri u ġeneralment jieħdu responsabbiltà konġunta għall-konferma u b'hekk timtela' quddiem il-membri għal deċiżjoni / approvazzjoni finali.

Huwa ta' nteress pubbliku li f'kull Sotto Kumitat ikun hemm rappreżentant mill-pubbliku. Għalhekk il-membri jistgħu jagħżlu li jkunu assistiti minn dan is-Sotto Kumitati.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** spjegat li l-għan ta' din il-mozzjoni huwa il-parteċipazzjoni mill-pubbliku. Semmiet li xi kultant trid tmur fit-toroq biex tifhem dak li ikunu qed jgħidu ir-residenti. Semmiet li iltaqet man-nies li huma interessati li jidħlu f'dawn is-sottokumitat. Il-four eye principle ifisser li dak li isir fil-kunsill jiġi skrutinizzat mill-pubbliku.

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** ssekonda.

Ivvutaw favur is-sitt (6) kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Il-mozzjoni ġiet approvata, b'mod unanimu.

**05.9 Riżoluzzjonijiet**

**Riżoluzzjoni Nru 03/2024 (IX)**

**Minuta Ġenerika Komuni għal-meta joħroġ xi fond**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ressqet riżoluzzjoni sabiex meta tinħareġ sejħa għal fondi, u jekk din is-sejħa toħroġ bejn Seduta u oħra, il-Kunsilliera ikunu jistgħu jibdew jipproċessaw tali applikazzjoni.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** talab lill-Kunsilliera Cassar Sghendo sabiex jekk ikun hemm xi applikazzjoni għal fondi, biex dawn ma jintilfux, ikun xieraq li tgħaddi l-informazzjoni lil Kunsilliera permezz tac-chat li hemm bejniethom jew permezz ta' email u wara tittella' Kunsill.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona l-approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni Nru 03/2024 (IX)

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** ssekonda.

Ivvutaw favur id-disa' (9) kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Riżoluzzjoni Nru 03/2024 (IX) ġiet approvata.

05.10 **Riżoluzzjoni Nru 04/2024 (IX)**

**Fond għat-tiswija tal-qtates**

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ressqet riżoluzzjoni sabiex il-Kunsill japprova is-somma ta' €500 sabiex jitħallsu biex jissewwew qtates fil-lokalita ta' Ħal Qormi.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ippropona l-approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni Nru 04/2024 (IX)

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** ssekonda.

Ivvutaw favur is-sitt (6) kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Riżoluzzjoni Nru 04/2024 (IX) ġiet approvata.

05.11 **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-8.45 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2024 fis-6.30 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***17 ta' Ottubru 2024***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |